KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 94

L-Erbgħa u disgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 20 ta' Frar 2019 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | | |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.27 b'din l-Agenda:*

*94.1* *Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*94.2* *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*94.3* *Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*94.4* *Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*94.5* *Rapporti;*
94.6 Survey – Pigeon Culling
94.7 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*94.8* *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*94.9* *Mozzjonijiet ;*
*94.10* *Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 94.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

94.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera M. Briguglio, L. Cassar Shaw u V. Galea Pace. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

## 94.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

94.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 92 tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2019 u 93 tas-seduta 13 ta' Frar 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

94.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 92. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 92_15/01/2019*

94.2.3 l-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 93.3.2 u talab li ssir korrezzjoni u tizdied frazi kif ġej: 'P. Radmilli sostna illi dan il-kaz mhux manutenzjoni regolari, izda ħsara straordinarja'. Kien hemm qbil dwar din il-korrezzjoni.

94.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 93 hekk kif korretti. Il-Vici Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 93_13/02/2019*

## 94.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

94.3.1 Il-Kunsilliera ġew infurmati li x-xogħol li kellu jerġa jsir ta' parti minn Triq Nicolo Isouard, se jsir aktar tard mill-kuntrattur. *Triq Nicolo Isouard*

94.3.2 Il-Kunsill ġie pprezentat bis-*survey* dwar il-ħamiem li sar mil-MISCO. Irrizulta li l-maġġoranza tal-parteċipanti ma' jaqblux ma' *pigeon culling*. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'dan il-kaz il-Kunsill ikollu jistenna u jaħdem mal-AKL. Gie mfakkar li kien hemm qbil ukoll li nixtru xi gaġeġ biex jinqabdu l-ħamiem u meta jkun hemm bzonn jiġu msellfa lir-residenti li lesti jzommuhom fuq il-bejt tagħhom biex jinqabdu l-ħamiem. Il-Kunsillier D. Muscat qal li l-Kunsilli għandu jsaqsi ghal parir mill-Kummissjaru tal-Annimali għal soluzzjoni ta' x'jista jsir minn dawn il-ħamiem jekk jinqabdu bil-ġaġeġ. Il-Kunsill qabel. *Hamiem*

94.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu saqsa għaliex il-Kunsill Tas-Sliema ma' ġiex mistieden ma' dawk il-Kunsilli li ffirmaw kuntratt tal-UDF. Gie nnotat li dan sar bi zvista u se jkun qiegħed jintbgħat il-kuntratt *draft* mill-PA għal finanzjament tax-xogħol fi Triq il-Kbira fil-jiem li gejjin. *UDF*

94.3.4 Is-Sindku informa li għalkemm qed isiru laqgħat ma' *Infrastructure Malta* xorta għadhom ma tawx indikazzjoni ta' meta se jsiru xogħlijiet f'Tas-Sliema għalkemm kienu diġa fehmu l-bzonn li huma jgħatu t-tarmac fi Triq it-Torri. La darba r-responsabbilita tal-pedament tat-triq taqa taħt il-Ministeru tal-Infrastruttura u Progetti Kapitali, l-Kunsill qabel li għandu kordjalment jikteb u jinforma bil-partitijiet l-iktar perikoluzi ta' Triq it-Torri. Kien hemm qbil ma' din il-proposta u li jintbgħatu wkoll ritratti biex juru l-urġenza. Is-Sindku qal li zgur jekk din tkun se ssir, irid ikun hemm koordinazzjoni minħabba li hija triq prinċipali. *Triq it-Torri*

94.3.5 Il-Kunsill innota li fi Triq Dingli (in-naħa ta' fuq) kellu jsir *up lighter*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntrattur tad-dawl qal li sab l-ilma taht u dan ma setghax jitpoġġa għalissa. *Triq Dingli (uplighter)*

94.3.6 Dwar punt 92.4.4 dwar il-pompa tal-pertrol antika fi Triq il-Kulleġġ l-antik, il-Kunsill ġie infurmat li s-sid inbiddel u l-Kunsill għad irid jara ma' min jista jagħmel kuntatt. *Pompa tal-petrol antika*

94.3.7 Dwar punt 92.7, tindif tat-toroq, ġie nnotat li kien hemm argument mis-sewwieqa tat-trakk tal-ġbir ta' skart fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Ġie nnotat ukoll li għadu qiegħed isir *piling* fi Triq Parisio u s-Savoy. Kien hemm qbil li għal dawn in-nuqqasijiet jitnaqqsu l-flus mil-kont skont regolamenti tal-kuntratt. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-ġbir minnn *Fort Cambridge* qiegħed isir fil-5am, u qiegħed ikun ta' inkonvenjent. Kien hemm qbil ukoll li għandha tintbgħat b'email l-iskeda l-ġdida kif qiegħed isir il-knis lill-Kunsilliera kollha. *Tindif*

94.3.8 Is-Sindku informa li ġie avviċinat min FACES biex isiru *bus shelters* f'Tas-Sliema. Is-Sindku issuġġerixxa diversi postijiet fejn dawn jistgħu jsiru u talab lill-Kunsilliera jekk għandhomx aktar suġġerimenti fejn hemm bzonn li jsiru. Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir konferma minn FACES li fejn se jitpoġġew ma jkunux ta' ingombru. Il-Kunsilliera M. Aquilina issuġġeriet li għandha ssir waħda fi Triq Rudolfu ma' Triq San Gakbu. Ġie nnotat ukoll li hemm bzonn waħda fi Triq it-Torri (fejn il-Gelateria). *Bus shelters*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat mis-seduta fis-19.42*

94.3.9 Is-Sindku fakkar li waqt il-laqgħa pubblika kien hemm min offra li jifforma grupp li jkun hemm numru ta' residenti li jaħdmu għal Tas-Sliema. Is-Sindku qal li hu lest li jimxi id f'id ma' dan il-grupp la darba dan ma jkunx qiegħed jaħdem kontra l-ħtiiġijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill minn dejjem kellhu l-hsieb li jkollu numru ta' residenti bħala 'street leaders' li jieħdu l-inkarigu li jinfurmaw lill-Kunsill bin-nuqqasijiet li jiltaqgħu magħhom fit-toroq. *Għajnuna mir-residenti*

*Daħal lura l-Viċi Sindku fis-19.50*

94.3.10 Is-Sindku informa li kellu lmenti mir-residenti ta' Triq Santa Rita li l-karozzi qegħdin jinzlu b'veloċita u xi drabi, minħabba l-parkeġġ qieghed fuq il-bankina, dawn ma jkunux jistgħu joġħorġu mid-dar tagħhom. Kien hemm qbil li jsir *traffic management* aħjar, billi kantuniera ma Triq Annunzjata ssir 'No Entry'. Il-Kunsill għandu jibgħat il-proposta sħiħa lit-TM għall-approvazzjoni. *Triq Santa Rita*

94.3.11 Il-Kunsill irċieva *claim* minn residenta ta' kaz li sar fi Triq Nicolo Isouard, fejn weġgħet b'mod gravi ma' *barrier*. Is-Sinjura qegħda titlob l-ammont ta' Eur 863. Il-Kunsillier J. Pillow qal li kieku jzomm il-kuntrattur responsabbli. Il-Kunsill għandi jibgħat permezz tal- *Claim*

avukat ittra lill-kuntrattur responsabbli mil-*barriers*.

94.3.12 Is-Sindku ressaq komunikazzjoni minn *Townsquare* rigward ideat li jistgħu jiġu attwati bħala *Sliema Embellishment Plan*. Anness mal-minuti 'Doc 'A'.

**94.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

94.4.1 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li waqt laqgħa li kellu, l-AKL għada mhiex ċara dwar is-sitwazzjoni tat-*tipping fees* għall-iskart organiku. Dan il-punt se jerġa jiġi diskuss meta ssir l-evalwazzjoni mal-Ministru Herrera. *Organic – Tipping fees*

94.4.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għaz-zewġ *loading/unloading bays* fi Triq Tigne. Il-Kunsill għandu jiċċekja dwar dan u jara jekk hemmx tabella bil-ħinijiet. *Loading/unloading*

94.4.3 Il-Kunsillier P. Radmilli ġibed l-attenzjoni li għad hemm biċċa mkissra fil-*bridge* ta' Manwel Dimech. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ħaddiema tar-*restoration unit* ma jistgħux jiġu jaħdmu bħalissa f'Tas-Sliema. Kien hemm qbil li l-Kunsill iqabbad kuntrattur tar-restawr min-naħa tiegħu. *Bridge Manwel Dimech*

94.4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa għad-daqs tal-bins li hemm fl-istore. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li huma bħal dawk l-istess li hemm fi Triq Dingli. Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri oħra imma li jkunu dojoq ħalli ma jingumbrawx il-bankina, kif ukoll *dog bins*. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat l-lista li diġa għandu biex jitpoġġew *bins*. Il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu aktar suġġerimenti fejn jistgħu jitpoġġew. Is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtraw *bins* li jkunu jistgħu jeħlu mal-ħadid. *Bins*

94.4.5 Il-Viċi Sindku propona li jkun hemm bajja jew parti minna li tkun 'smoke free'. Il-Kunsill għandu jibgħat din il-proposta lill-MTA u lid-Dipartiment tas-Saħħa. Kien hemm qbil ukoll li nzidu ma' din it-talba li l-bajja tkun 'plastic free' ukoll. F'dan il-kaz, il-proposta għandha tintbgħat lil Ambjent Malta ukoll. *Proposta 'smoke and plastic free' beach*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.28*

94.4.6 Il-Kunsillier P. Portelli talab li titpoġġa tabella fil-bajja taħt Gnien Indipendenza biex ma jħammġux il-klieb. Kien hemm qbil dwar dan. *Tabella biex ma jħammġux il-klieb*

94.4.7 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar fiz-zgħazagħ li attendew għal laqgħa pubblika tal-Kunsill fejn talbu lill-Kunsill jistax jipparteċipa b'xi mod għall-attivita li se jorganizza għal zmien l-Għid. Il-Kunsill qabel li

jħallas *printing* u l-ammont ma jkunx aktar minn mitt ewro.

94.4.8 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar lill-Kunsilliera li jixtiequ jiktbu artiklu fil-magazine tal-Kunsill jibgħatu lis-Segretajru Ezekuttiv sa' l-aħħar ta' Frar 2019. Il-Kunsillier Portelli qal li għandu l-ħsieb li jagħmel il-magazine forma ta' video għal media soċjali wkoll. Is-Sindku fakkar li dan il-Kunsill kien tim wieħed u għandu jibqa hekk sa l-aħħar u dak li għandu jidher fil-media soċjali jidher bħala tim wieħed. *Magazine tal-Kunsill*

94.4.9 Ġie nnotat li wħud mill-ħofor li saru għas-siġar fi Triq Dingli mhux daqshekk fondi, b'hekk se jkun hemm siġar li se jidhru itwal minn oħrajn. Is-Segretarju Ezekuttiv talab li jkun hemm deċizjoni x'tip ta' siġar se jitpoġġew u fejn għax la darba jitħawwlu ma tantx ikun hemm ċans li jiċċaqalqu. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-kumitat għandu jiltaqa' dwar il-*pit guards* biex tittieħed deċizjoni. Il-Kunsillier J. Pillow qal li importanti li jitpoġġa *frame* tal-ħadid. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jkun qiegħed jitkellem mal-perit dwar dan. Il-Kunsillier P. Radmilli għamel suġġeriment biex jitpoġġa zrar madwar biex jiġi evitat li jitla ħaxix ħazin. *Siġar fi Triq Dingli*

94.4.10 Il-Kunsillier J. Pillow talab li tintbgħat il-pjanta tal-iskeda l-ġdida tal-knis. Il-Kunsillier Pillow saqsa wkoll kif sar it-tqassim taz-zoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-lista tista tiġi reveduta. Kien hemm qbil li hemm bzonn li ssir laqgħa mal-*contracts manager*, u eventwalment mal-kuntratturi għalihom għaliex il-Kunsill għadu qiegħed jirċievi ilmenti dwar it-tindif fit-toroq. Il-Kunsillier J. Pillow talab li jibda jiġi nnotifikat b'email b'kull ilment dwar l-iskart. *Tindif fit-toroq*

## 94.5 RAPPORTI

94.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 94.6 SURVEY – PIGEON CULLING

94.6.1 Dan il-punt diġa ġie diskuss aktar kmieni.

## 94.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

94.6.1 Mill-Kumitat Offerti Publici s-Sindku informa li wiehed mill-offerenti ma prezentax is-*sample* kif mitlub u ghaldaqstant qed jigi propost l-ghazla ta' Gokker Ltd. bhala *cheapest compliant offer* ghal valur ta' Eur 10,391.85. Il-Kunsill qabel.

**94.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

94.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

94.8.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament dwar il-ġbir tal-iskart organiku u saqsa jekk dawn hux se jtuna l-flus tagħhom. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-proċedura hi li l-Kunsill iħallas lill-kuntrattur u wara jibgħat i*nvoice* lil Wasteserv għal *refund*.

94.8.3 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar għal bnadar biex jinxtraw lill-knejjes.

94.8.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti numri 16, 33, 34 dwar *claims* li saru minħabba ħofor fit-toroq, u talab li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jisiru minnufih.

*Ġie skuzat li jitlaq mis-seduta l-Kunsillier P. Radmilli fid-21.46*

94.8.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament lil *Cleansing and Maintenanance* sabiex jittellgħu r-rapporti tal-*enforcement* li qiegħed isir. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan beda jsir diga. Il-Kunsillier J Pillow qal li tajjeb li intellgħu wkoll *post* tal-ispejjez tal-Kunsill li jinkludi wkoll l-ispejjez tal-bandli u xogħlijiet oħra li qegħdin isiru bħalissa.

94.8.6 Gie nnotat pagament numru 14 pagabbli lil CAK. Is-Sindku qal li dawn huwa għall-kappillani tas-Sacro Cuor u tal-Balluta bħala rikonoxximent għal kariga ġdida tagħhom. Is-Sindku informa li meta dawn ikun se jiġu mogħtija lilhom, ninfurmaw lil membri u min jixtieq li jattendi jkun jista jagħmel dan.

94.8.7 Il-Kunsillier D. Muscat propona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**94.9 MOZZJONIJIET**

94.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**94.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

94.10 Is-seduta ntemmet fl-21.54 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar il-Ħamis 28 ta’ Marzu 2019 fis-6pm.

Minuti approvati llum 28/03/2019

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |